MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 182/2000/1

## REĠISTRATUR TAL-QRATI SUPERJURI

**vs**

## Adrian GRIMA f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Bristow Potteries Limited

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-1 ta' Frar, 2000, li bih l-atturi ippremetta:

Illi b'rikors ippreżentat fis-6 t'Ottubru 1999, D and M Enterprises Limited talbu l-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 4364/99 fl-ismijiet "D and M Enterprises Limited -vs- Adrian Grima f'ismu propriju u għan-nom u in rappresentanza ta' Bristow Potteries Limited", sabiex il-konvenut proprio et nomine odjern jiġi inibit milli jipproduċi u jispaċċja kopji identiċi ta' ingravati deskritti u esibiti fl-istess mandat ta' inibizzjoni fis-suq Malti u milli joffri l-

istess ingravati lill-istess ħwienet li normalment jissupplixxu l-imsemmija D and M Enterprises Limited;

Illi b'digriet tas-6 t'Ottubru 1999, din il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament, u b'digriet ieħor tas-26 t'Ottubru 1999 laqgħet it-talba definitivament, kollox kif jidher aħjar mill-annessa kopja tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, Doument "X1";

Illi b'rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 1999, l-istess D and M Enterprises Limited ġiebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti li nonostante dan id-digriet l-intimat konvenut odjern baqa' jqassam u joffri għall-bejgħ ingravati identiċi għal dawk prodotti mill-istess D and M Enterprises Limited, u għalhekk talbu illi din il-Qorti tieħu dawk il-passi kollha neċessarji kontra l-intimat għal disprezz, liema talba ġiet milqugħa b'digriet tal-15 ta' Novembru 1999, li bih din il-Qorti ordnat lill-attriċi odjerna sabiex tieħu l-passi neċessarji sabex jiġu istitwiti proċeduri kontra l-intimati għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikoli appositi tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Dokument "X2";

Illi għalhekk qegħda ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Isib lll-konvenut proprio et nomine ħati ta' disprezz għall-awtorita' tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine għall-pieni preskritti mill-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut proprio et nomne li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jiġi mġiegħel biex jwieġeb għall-akkuża bil-mezz ta' mandat ta' skrota jew ta' arrest;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta' Frar, 2000, li biha l-imħarrek Adrian Grima f'ismu proprju eċċepixxa:

1. Illi l-eċċipjent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi t-talbiet attriċi kwantu diretti kontra tiegħu fil-vesti personali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għad illi kull negozju jew att ta'negozju li għamel u jagħmel l-eċċipjent jagħmlu tramite s-soċjeta' BRISTOW POTTERIES LIMITED li tagħha huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Adrian Grima;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta' Frar, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka Bristow Potteries Limited eċċepiet:

1. Preliminarjament l-insostenibilita' tal-azzjoni attriċi għad illi ma jinsabx indikat taħt liema artikolu tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, qed jiġu magħmula t-talbiet attriċi;

2. Mingħajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attriċi kwantu diretti kontra s-soċjeta' eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għad illi ma humiex minnu li s-soċjeta' eċċipjenti biegħet u qassmet u offriet għall-bejgħ ingravati identiċi għal dawk prodotti mis-soċjeta' D & M Enterprises Limited wara l-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 t'Ottubru, 2000, li bih u fuq talba tal-kumpannija mħarrka tatha żmien biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-18 t'Ottubru, 2000[1], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa bi Tweġiba mill-attur fis-7 ta' Diċembru, 2000[2];

Rat in-Nota ta' Riferenza mressqa mill-attur fil-11 ta' Jannar, 2001[3], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 ta' Lulju, 2001, tat-30 ta' Novembru, 2001, tat-28 ta' Frar, 2002, tal-4 t'April, 2002, tat-13 ta' Ġunju, 2002, tas-7 ta' Novembru, 2002, tas-27 ta' Frar, 2003, u tat-22 ta' Mejju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara ordni li ngħata mill-Qorti (diversament presjeduta) b'Degriet tal-15 ta' Novembru, 1999[4], qiegħed jixli lill-imħarrkin b'għamil li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Dan jikkonsisti filli huwa jallega li l-imħarrkin baqgħu jagħmlu affarijiet li kienu ġew miżmuma milli jwettqu bis-saħħa ta' Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontra tagħhom fis-26 t'Ottubru, 1999[5], fuq talba tal-kumpannija D and M Enterprises Limited;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek Adrian Grima laqa' billi qal li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex kull negozju li jagħmel isir permezz tal-kumpannija mħarrka, li tagħha huwa wieħed mid-diretturi u azzjonist; filwaqt li l-

[1] Paġġ. 29 sa 35 tal-proċess
[2] Paġġ. 38 sa 40 tal-proċess
[3] Paġġ. 43 sa 50 tal-proċess
[4] Paġ. 15 tal-proċess
[5] Inib. Nru. 4364/99, Dok "X1", f'paġġ. 5 sa 10 tal-proċess

kumpannija mħarrka laqgħet billi, fil-mertu, ċaħdet li hija għamlet xi ħaġa li biha kisret l-ordni mpost fuqha bil-Mandat, u wkoll billi, b'mod preliminari, tgħid li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex ma ssemmiex taħt liema artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura kienet qegħda titressaq il-kawża miftuħa kontriha;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi ma tiswiex;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża s'issa u li jixħtu dawl fuq l-eċċezzjoni taħt eżami, jirriżulta li D and M Enterprises Limited kienet talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront kemm ta' Adrian Grima u kif ukoll tal-kumpannija Bristow Potteries Limited, dwar bejgħ ta' ingravajjet li jixbhu dawk tagħha, b'liema bejgħ seħqet li l-intimati kienu qegħdin jiksru d-drittijiet tal-awtur li hija ilha tgawdi għal għadd ta' snin fuq id-disinji tagħhom. It-talba ta' D and M Enterprises intlaqgħet provviżorjament fis-6 t'Ottubru, 1999, dak inhar li nħareġ ir-rikors u dak inhar li l-intimati (mħarrkin f'din il-kawża) ġew notifikati bih, u b'mod definittiv fis-26 t'Ottubru, 1999. Wara l-ħruġ tal-Mandat, D and M Enterprises Limited fetħet kawża kontra l-imħarrkin[6]. Fil-5 ta' Novembru, 1999, B and M Enterprises Limited ressqet rikors[7] fejn talbet li jittieħdu proċeduri għal disprezz tal-Qorti min-naħa tal-imħarrkin billi dawn baqgħu ibiegħu l-ingravajjet bi ksur tal-ordni mogħti fil-Mandat. Fil-11 ta' Novembru, 1999[8], l-intimati ressqu Tweġiba li fiha ċaħdu li għamlu xiħaġa bi ksur tal-Mandat. Fil-15 ta' Novembru, 1999, ingħata d-Degriet li bih l-attur tal-lum ġie ordnat jibda proċeduri kontra l-imħarrkin għad-disprezz. Il-kawża nfetħet fl-1 ta' Frar, 2000;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti legali tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni. Jibda biex jingħad li għalkemm il-kumpannija eċċipjenti ssejjaħ l-azzjoni bħala "insostenibbli", fil-verita' hija qegħda teċepixxi wkoll in-nullita' formali tal-att. Dan joħroġ ċar

[6] Ċitazz. Nru. 2197/99
[7] Dok "X2", f'paġ. 11 tal-proċess
[8] Paġ. 14 tal-proċess

mit-trattazzjoni eżawrjenti u erudita magħmula mill-kumpannnija eċċipjenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha mqabbla mal-kliem innifsu tal-eċċezzjoni. Imma hemm baħar jaqsam bejn li azzjoni tkun ma tiswiex minħabba nullita' fl-att ġudizzjarju li bih titressaq u li azzjoni tkun insostenibbli: tal-ewwel hija sanzjoni formali, tat-tieni hija "sanzjoni" sostantiva, fil-mertu. Din il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni taħt eżami mill-aspett waħdieni tas-siwi formali tal-att taċ-Ċitazzjoni, u m'hijiex sejra tagħti xi fehma dwar xi aspett sostantiv tal-kwestjoni;

Illi l-kumpannija mħarrka tgħid li l-fatt li ċ-ċitazzjoni ma ssemmix taħt liema artikolu speċifiku tal-Kodiċi ttieħdet l-azzjoni kontriha jikkostitwixxi ksur tal-ħtieġa fondamentali li ċ-Ċitazzjoni jkollha tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba[9], liema ksur iġib miegħu is-sanzjoni tan-nullita' tal-att jekk titqajjem eċċezzjoni f'dan is-sens[10]. Hija tgħid li dan in-nuqqas ċaħħadha milli tħejji kif imiss id-difiża tagħha mix-xiljiet li sarulha. Iżżid tgħid ukoll li l-fatt li t-Titolu XVII tal-Kap 12 ma fih l-ebda dispożizzjoni speċifika li titkellem dwar disprezz f'każ ta' ksur ta' ordni f'Mandat ta' Inibizzjoni, allura wkoll jonqos id-dritt ta' azzjoni fl-attur, u għalhekk jonqos l-interess ġuridiku fl-attur. Huwa ċar li dawn l-aħħar sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka ma japplikawx għall-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att, imma għal eċċezzjoni ta' natura oħra li m'hijiex imqanqla f'din il-kawża;

Illi għal dawn l-argumenti, l-attur iwieġeb li l-azzjoni mibdija minnu tiswa u hija istitwita sewwa, u dan għax hija l-liġi nnifisha li tagħtih is-setgħa (u għalhekk l-interess) li jibda proċedura bħal din[11]. Isemmi li l-azzjoni nbdiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu ta' sanzjoni ġenerali dwar nuqqas li jikkostitwixxi disprezz[12]. Waqt it-trattazzjoni tal-aħħar quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tal-attur seħaq li d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li ċ-ċitazzjoni għandu jkollha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba ma tiġborx fiha l-obbligu li jissemma liema huwa l-artikolu tal-liġi li fuqu l-azzjoni tkun inbdiet;

---

[9] Art. 156(1)(a) tal-Kap 12
[10] Art. 789(1) tal-Kap 12
[11] Art. 1003A tal-Kap 12
[12] Art. 997 tal-Kap 12

Illi dwar x'jikkostitwixxi tifsir ċar u sewwa fil-każ ta' att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[13];

Illi huwa sewwasew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[14];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[15]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[16];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[17];

---

[13] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

[14] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

[15] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);

[16] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[17] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[18] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[19];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[20], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [21]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[22], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[23], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[24]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[25];

---

[18] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[19] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[20] Ara nota 16
[21] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[22] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[23] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[24] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[25] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[26];

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[27]. Iżda dik is-sanzjoni tagħti rimedju lill-parti li favur tagħha jkun inħareġ il-Mandat, u għalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12. Min-naħa l-oħra, mal-medda tas-snin il-Qrati tagħna stabilew mingħajr tlaqlieq ta' xejn li min jinsab ħati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti mogħti f'mandat ta' inibizzjoni jsir ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha[28] ukoll jekk ikun hekk aġixxa għal raġuni li wieħed jista' jissimpatizza magħha[29] jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jaġixxi kif aġixxa[30]. Dan il-prinċipju jibqa' japplika wkoll fejn, wara, jirriżulta li l-mandat ta' inibizzjoni nnifsu jkun milqut minn difett li jagħmlu ma jiswiex, u sakemm tali mandat ma jkunx ġie mħassar[31];

Illi m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[32], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili. Dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[33]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa'

[26] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)
[27] Ara art. 873(4) tal-Kap 12
[28] P.A. **14.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1023**)
[29] Kumm. **20.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs J. Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)
[30] P.A. RCP **8.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs George Żammit noe***
[31] App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vella*** (mhix pubblikata)
[32] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[33] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[34];

Illi l-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F'dak l-artikolu persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija mogħtija s-setgħa li tibda tali proċeduri u li titqies bħala attur fihom hija r-Reġistratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li tħoss li sar kontra tagħha għamil li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa;

Illi, meqjusa fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċediment għad-disprezz juru li tali proċess jimxi indipendentement minn dak ċivili, u li l-għanijiet tiegħu jmorru lil hinn minn kull kwestjoni, ewlenija jew anċillari, li wieħed jistenna li sejrin ikunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili;

Illi l-Qorti tifhem ukoll madankollu li n-natura tal-azzjoni preżenti m'hijiex l-istess bħal dik ta' kawża ċivili "ordinarja", u dan għaliex huwa aċċettat, kif ingħad aktar 'il fuq, li l-azzjoni għad-disprezz għandha minn azzjoni penali. Ix-xeħta u d-dehra ta' proċediment ċivili m'għandux ixejjen dan il-fatt. Ladarba dan huwa l-każ, ir-regoli li jħarsu tali proċediment għandhom iħarsu wkoll il-ħtiġiet ewlenin marbuta mal-proċediment penali, l-iżjed fejn jidħol il-ħarsien tal-jeddijiet tal-parti akkużata;

Illi, madankollu, lanqas fid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali[35] ma jingħad li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi l-artikolu/i tal-liġi li taħtu jew taħthom toħroġ l-akkuża. Nuqqas bħal dan ma jġibx in-nullita' taċ-ċitazzjoni u

[34] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)
[35] Art. 360(2) tal-Kap 9

lanqas tal-proċediment meħud taħtha[36]. Fuq kollox, meta l-istess Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-qima li jmissha tinġieb lill-Qorti (Kriminali), dan jagħmel riferenza għad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili dwar id-Disprezz[37];

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti tħoss li għandha tirreferi testwalment f'dan il-waqt għal dak li qalu l-imħarrkin fit-tweġiba[38] tagħhom tal-11 ta' Novembru, 1999, għar-rikors tal-kumpannija M and D Enterprises Limited, fejn ngħad hekk : "*l-esponenti huma konsapevoli illi l-ksur tal-ordni tal-Qorti kif kontenuta fl-istess mandat ta' inibizzjoni tista' twassal għal proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Onorabbli Qorti u għalhekk huma ma għamlu l-ebda att li jistgħu iwasslu għal tali konsegwenzi*". Il-Qorti tifhem li dan il-kliem spontanju tal-intimati mhux provokat minn ħadd jiġbor fil-qofol l-għarfien li l-azzjoni preżenti hija msejsa fuq sanzjoni stabilita;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija** mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tagħha, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi kif imfassla tiswa u tressqet sewwa; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[36] App.Krim **3.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmelo Vella*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.iv.184**)

[37] Art. 686 tal-Kap 9

[38] Paġ. 14 tal-proċess